


# PAWLU KIEN ĠELLIED? IL-FIRDA MINN BARNABA (ATTI 15, 36-40)

*Marcello Ghirlando*

## Min kien Barnaba?

Barnaba kien wieħed mill-persunaġġi l-kbar tal-Knisja tal-bidu li kien emmen bis-sħiħ fil-Vanġelu tant li ngħata fiduċja sħiħa mill-Appostli Pietru, Indrì, Ġakbu u Ġwanni. Meta Luqa jirrakkonta kif l-ewwel insara kellhom kollox flimkien, fuq Barnaba jistqarr: "Hekk ukoll għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin



iddum aktar magħluqa fiċ-ċirku tal-Gudejo-Kristjaneżmu. Huwa jifhem li f'Antjokja kien hemm il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u hu sar pont prezzjuż bejn il-Knisja-Omm ta' Ġerusalemm u l-Knisja ta' Antjokja tas-Sirja.

## Min kien Barnaba għal Pawlu?

Barnaba kellu importanza fundamentali għall-Appostlu tal-Ġnus: wara Ħananija, li kien għammdu u tah id-don tal-ispirtu s-Santu, Barnaba kien kollox għal Pawlu. Kien hu li mar ifittxu f'Tarsu, kien ħabib, missier spiritwali, għalliem tal-appostolat u dak li laqqmu fl-esperjenza appostolika.

Inġibu quddiem għajnejna x'kien ġara minn Pawlu wara l-esperjenza fit-triq ta' Damasku. Atti 9:26 ifakkarna li meta Pawlu "... wasal Ġerusalemm beda jfittex li jissieħeb mad-dixxipli. Imma lkoll kienu jibżgħu minnu, għax ma kinux emmnu li tassew ikkonverta". Kellu jkun Barnaba li jdaħħlu fiċ-ċirku appostoliku: "Mbagħad Barnaba qabdu u ħadu miegħu għand l-appostli. Hu qalilhom kif Sawl kien ra l-Mulej fit-triq u semgħu ikellmu, u kif f'Damasku kien tkellem b'wiċċu minn quddiem fl-isem ta' Ġesù. Għalhekk Sawl baqa' magħhom, dieħel u ħiereġ Ġerusalemm, u kien jitkellem bil-miftuħ f'isem

il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-appostli" (Atti 4, 36-37). Fil-bidu bikri tal-komunità Nisranija, kellu l-kuraġġ jemmen il-kelma tal-appostli, ibiegħ dak li kien tiegħu u sar parti mill-ewwel komunità Nisranija. Kien bin il-faraġ, bniedem għaref, ottimist, li kien jispira fiduċja u kien faċli li jiġbed lill-oħrajn miegħu.

Mhux ta' b'xejn li kellu missjonijiet importanti fil-Knisja tal-Bidu: Atti 11 ifakkarna li kien hu li ntbagħat mill-Knisja ta' Ġerusalemm biex jara x'kien qed jiġri f'Antjokja tas-Sirja: "... kbir kien il-għadd ta' dawk li emmnu u daru lejn il-Mulej. L-aħbar ta' dan waslet f'widnejn il-Knisja ta' Ġerusalemm, u għalhekk bagħtu lil Barnaba sa Antjokja. Meta dan wasal u ra l-grazzja ta' Alla, feraħ u beda jħeġġiġhom biex jibqgħu b'rieda sħiħa magħqudin fil-Mulej. Għax hu kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u bil-fidi. U ġemgħa kbira ta' nies ingħaqdet mal-Mulej" (Atti 11, 21-24). Kien kapaċi jagħraf l-awtentiċità tal-Kristjaneżmu ta' Antjokja li kellha ssir l-għajn tal-Kristjaneżmu fl-Asja Minuri u fl-Oċċident ta' kultura Griega. Forsi mingħajru l-Knisja tal-bidu kienet

il-Mulej." (Atti 9, 27-28) Kien Barnaba li fehem li kellu joħroġ lil Sawl minn din is-sitwazzjoni ta' telfien li kien sab ruħu fiha!

Meta Luqa jitkellem mill-Knisja ta' Antjokja jfakkarna li Barnaba kien l-ewlieni fost il-profeti: "Fil-Knisja ta' Antjokja kien hemm xi profeti u għalliema: Barnaba, Xmun li jgħidulu Niger, Luċju minn Ċireni, Manahen li kien trabba ma' Erodi t-tetrarka, u Sawl" (Atti 13, 1). Barnaba kien l-ewwel, Sawl kien l-aħħar li ssieħeb magħhom, bl-istess saħħa ta' Barnaba: "Mbagħad hu telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl, u meta sabu, ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'" Atti 11, 25-26).

Għandna dehra ta' kollaborazzjoni sħiħa bejn Barnaba u Pawlu, l-ewwel fost il-profeti u l-aħħar li wasal. Barnaba għaraf jivvalorizza lil Sawl u flimkien jaħdmu b'frott kbir fil-Knisja ta' Antjokja, tant li hemmhekk id-dixxipli jissejħu għall-ewwel darba Kristjani.

Barnaba huwa anke l-ewwel magħżul mill-ispirtu għall-missjoni: "Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: 'Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom.' Mbagħad wara li samu u talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom u bagħtuhom" (Atti 13, 2-3).

Kien proprju f'din il-missjoni, l-Ewwel Vjaġġ missjunarju, li tibda toħroġ għad-deher il-personalità ta' Pawlu.

Huwa Pawlu li jdur b'kelma qawwija kontra s-saħħar Elima, quddiem il-Prokonslu Serġju Pawlu: "Mbagħad Sawl, li jismu wkoll Pawlu, mimli bl-Ispirtu s-Santu, waħħal għajnejh fih u qallu: 'Ja bniedem mimli b'kull qerq u ħażen, bin ix-xitan u għadu ta' kull ma hu sewwa, qatt m'int se tieqaf tgħawweġ it-triqat dritti tal-Mulej? Imma issa, ara, id il-Mulej se





tilħqek: int tagħma, u għal xi żmien ma tarax id-dawl tax-xemx'…"(Atti 13, 9-11). Fil-vers 13 Luqa jikteb: "Pawlu u sħabu telqu bil-baħar minn Pafos u waslu Perge fil-Pamfilja". Barnaba hu wieħed mill-isħab. Ir-rwoli jidher li kienu qed jinbidlu. Mhux ta' b'xejn li l-ewwel diskors f'Antjokja ta' Pisidja huwa fil-fatt ta' Pawlu (Atti 13:15-41).

Kien qabel dan id-diskors li ġara dak li kellu jiġri! "Hawn Ġwanni ħallihom u raġa' lura lejn Ġerusalemm" (Atti 13:13).

L-alternanza tar-rwoli tibqa' tidher f'din il-missjoni: F'Listra, wara li Pawlu fejjaq il-magħtub, Barnaba, bħala l-anzjan ħasbuh Zews u lil Pawlu Ermi, għax kien hu li l-aktar li tkellem (Atti 14:8-18). L-oppożizzjoni għall-predikazzjoni f'Listra, imxewxa mil-Lhud ta' Antjokja u Ikonju, tiġi diretta fuq Pawlu li jsofri t-tħaġġir (Atti 14:19-20).

## X'ġara eżattament?

Wara l-Konċilju ta' Ġerusalemm, Pawlu u Barnaba jinfirdu, wara li Pawlu jipproponi vjaġġ ieħor: "Ftit taż-żmien wara, Pawlu qal lil Barnaba: 'Ħa nerġgħu mmorru nżuru l-aħwa fl-ibliet kollha li fihom xandarna l-kelma tal-Mulej, u naraw kif huma sejrin'. Barnaba ried li magħhom jieħdu wkoll lil Ġwanni, jgħidulu Marku. Imma Pawlu deherlu li ma kellhomx jieħdu magħhom wieħed li, meta kienu fil-Pamfilja, telaqhom u ma marx magħhom għax-xogħol. Kellhom xi jgħidu sewwa, hekk li nfirdu minn xulxin. Barnaba ħa miegħu lil Marku u telaq bil-baħar lejn Ċipru. Pawlu għażel għal miegħu lil Sila u telaq, wara li l-aħwa rrikmandawhom f'idejn il-ħniena tal-Mulej." (Atti 15, 36-40)

X'kien ġara? Nuqqas ta' ftehim serju bejn kollaboraturi. Gwanni Marku kien ukoll kuġin ta' Barnaba u dan seta' kellu effett. Barnaba ried jiddefendi l-familjari tiegħu? "Kellhom xi jgħidu sewwa": forsi kienet diskussjoni mqanqla u mtawla, b'xi element ta' korla (ara 1Kor 13:5 "l-Imħabba ma tinkurlax…).

Għaliex seħħet firda daqshekk drammatika? Forsi kien pretest? Kien hemm xi ħaġa wara dan kollu?

Forsi fuq livell psikoloġiku, kien hemm xi taħwid li nibet mill-fatt li Pawlu kien sar il-kap tal-missjoni… meta fil-fatt Barnaba kien bniedem għaref u ta' awtorità. Kif seta' jħalli kollox f'idejn xi ħadd li fil-bidu kien meqjus bħala barrani? Forsi Barnaba tħawwad għax hu kien responsabbli imma fil-fatt Pawlu kien

qed jieħu d-deċiżjonijiet? Inġibu quddiem għajnejna kif Pawlu u Barnaba ukoll kellhom jissieltu kontra l-Ġudajizzanti: "Imma mbagħad niżlu xi wħud mil-Lhudija u bdew jgħallmu lill-aħwa: 'Jekk ma toqogħdux għaċ-ċirkonċiżjoni skont id-drawwa ġejja minn Mosè, ma tistgħux issalvaw'. Pawlu u Barnaba qamu kontra tagħhom u ħaduha mgħhom bis-sħiħ; għalhekk qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra minnbhom jitilgħu Ġerusalemm ikellmu lill-appostli u l-presbiteri fuq din il-kwistjoni" (Atti 15:1-3).

Irridu nikkunsidraw fatt ieħor: Pawlu kien fil-fatt qiegħed jeħodha b'mod qawwi kontra l-Ġudajizzanti filwaqt li Barnaba kien il-bniedem li bena l-pontijiet. Forsi Barnaba kien qed jilmaħ xi firda ġejja mill-Knisja tal-insara min-nisel Lhudi? Pawlu ried jevita l-firda imma forsi kien qawwi ħafna fi kliemu u għemilu. Biżżejjed inġibu quddiem għajnejna l-Ittra lill-Galatin 2, 11-14: "Meta Kefa ġie Antjokja, jiena waqaftlu f'wiċċu, għaliex kellu tort. Għax qabel ma waslu xi wħud mingħand Ġakbu, hu kien qiegħed jiekol mal-Ġentili; iżda mbagħad lil dawn beda jaħrabhom u jitwarrab minnhom meta waslu dawk, għaliex baża' mil-Lhud ċirkonċiżi. Il-Lhud l-oħra bdew jimxu bl-uċuħ bħalu, u saħansitra Barnaba ħalla ruħu jitħajjar minnhom fil-wiri ta' ħaġa b'oħra". Niftakru li fl-Ittra lill-Galatin Pawlu jeħodha bl-aħrax kontra l-Ġudajizzanti biex jiddefendi, fl-aħħar mill-aħħar bħalma kien diġà għamel ma' Barnaba fil-Konċilju ta' Ġerusalemm, "il-verità tal-Vanġelu". Pawlu jirrakkonta f'Galatin 2, 1-5: "Wara erbatax-il sena rġajt tlajt Ġerusalemm flimkien ma' Barnaba u ħadt miegħi lil Titu wkoll. Tlajt hemmhekk wara li kelli rivelazzjoni; u jiena qegħedt quddiemhom, lill-mexxejja ewlenin weħidhom, u wrejthom l-Evanġelju li qiegħed inxandar fost il-ġnus, biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn... Iżda minħabba f'xi wħud li riedu jiżżattu, aħwa foloz... lilhom anqas għal waqt wieħed biss ma rħejnielhom iwaqqgħuna għalihom, ħalli b'hekk il-verità tal-Evanġelju tibqa' sħiħa għalikom".

Storikament ma nistgħux inkunu nafu r-raġuni eżatta ta' dak li seħħ tassew bejn Pawlu u Barnaba...imma nistgħu nimmaġinaw kemm kienet ġrajja doloruża għal dawn l-appostli l-kbar tal-Knisja tal-bidu!

## X'kienu l-konsegwenzi?

Pawlu li kien kiseb fiduċja mill-Knisja bis-saħħa ta' Barnaba, ma kienx kapaċi jagħti fiduċja lil Barnaba fuq il-kwistjoni ta' Ġwanni Marku!





Barnaba żgur ħassu miċħud bħala ħabib. Forsi mhux b'malizzja, imma b'konsegwenza ta' dak li kien ġara.

Barnaba joħroġ mix-xena u jirtira Ċipru, il-Gżira tiegħu anke jekk Pawlu jfakkru f'1Kor 9,6: "Jaqaw jien u Barnaba biss ma għandniex id-dritt li ma naħdmux?"; u f'Kol 4:10 juri li rrikonċilja ruħu ma' Marku: "Isellmilkom Aristarku, fil-ħabs miegħi, u Marku, il-kuġin ta' Barnaba – ġa għandkom l-ordnijiet dwaru; jekk jiġi għandkom ilqgħuh tajjeb -". U f'2Tim 4:11: "Luqa waħdu baqa' miegħi. Ħu 'l Marku u ġibu miegħek, għax hu jiswieli ħafna għall-ministeru".

Forsi nistgħu nimmaġinaw lil Pawlu jiddispjaċih għall-atteġġjament daqshekk iebes tiegħu ma' ħabib li kien tah fiduċja u kien kumpann inseparabbli...il-firda żgur li ma kenitx faċli u li kienet imdemma fil-qalb! Il-firda żgur li qanqlet is-solitudni fil-qalb tal-Appostlu. Żgur li Pawlu kellu jibki it-telfien tal-kapaċità medjatriċi ta' Barnaba...forsi il-firda bejn iż-żewġ fergħat il-kbar tal-Knisja tal-bidu, fil-verità ma kenitx isseħħ.

## X'seta' tgħallem Pawlu minn din l-esperjenza doloruża?

Il-Mulej, li miegħu kien iltaqa' fit-triq ta' Damasku, huwa l-uniku ħabib perfett, li joffri ħbiberija dejjiema, dak li jifhimna dejjem u li ma jabbandunana qatt! Hekk seta' jikteb f'Fil 3, 8-11: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu; il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi. Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet".

Alla jmexxi lil Pawlu biex jifhem li l-appostolat ma kienx tiegħu personali, imma ħidma ta' Alla permezz tiegħu, frott il-għaqda tiegħu ma' Kristu u lejn Kristu.

Pawlu jifhem li f'kollox, l-essenzjal huwa Kristu...l-għaqda tiegħu ma' Kristu hija fil-fatt kolox għalih. U fid-dawl ta' din l-għaqda ma' Kristu, il-ħbiberiji umani jisiltu l-ġmiel u s-sens tagħhom.